

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tal-15 ta' Diċembru 2006****li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2001/15 dwar il-ħruġ ta' karti ta' flus euro****(BĊE/2006/25)****(2007/46/KE)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunita' Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 106(1),

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Banek Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 16,

Billi:

- (1) Minħabba s-sħubija tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea u minħabba li l-banek ċentrali nazzjonali rispettivi tagħhom (BĊNi) se jissieħbu fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Jannar 2007, id-Deċiżjoni BĊE/2006/21 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Banek Ċentrali Ewropew⁽¹⁾ tistabbilixxi b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, l-ippeżar il-ġdid assenjat lil kull BĊN li se jkun membru tas-SEBĊ fl-1 ta' Jannar 2007, fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital imkabbar tal-Banek Ċentrali Ewropew (BĊE).
- (2) Skond l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/495/EC tal-11 ta' Lulju 2006, skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovenja tal-valuta waħda fl-1 ta' Jannar 2007⁽²⁾, id-deroga favur is-Slovenja msemmija fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003⁽³⁾ hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.
- (3) L-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus euro⁽⁴⁾ jiddefinixxi l-"u jirreferi għall-Anness ma" dik id-Deċiżjoni, li jispeċifika l-iskema ta' allokkazzjoni ta' karti tal-flus

applikabli mill-1 ta' Mejju 2004. Minħabba li l-ippeżar ġdid ta' l-iskema kapitali se japplikaw mill-1 ta' Jannar 2007, u s-Slovenja se tadotta l-euro f'dik id-data, id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 għandha tiġi emendata sabiex tiġi ddeterminata l-iskema ta' allokkazzjoni ta' karti tal-flus li tapplika mill-1 ta' Jannar 2007,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1***Emenda tad-Deċiżjoni BĊE/2001/15**

Id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 hija emendata kif ġej:

1. Is-sentenza finali ta' l-Artikolu 1(d) hija sostitwita b'li ġej:
"L-Anness ma' din id-Deċiżjoni jispeċifika l-iskema ta' allokkazzjoni ta' karti tal-flus li tapplika mill-1 ta' Jannar 2007."
2. L-Anness mad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2***Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

Magħmula fi Frankfurt am Main, il-15 ta' Diċembru 2006.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.⁽²⁾ ĠU L 195, 15.7.2006, p. 25.⁽³⁾ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.⁽⁴⁾ ĠU L 337, 20.12.2001, p. 52. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni BĊE/2004/9 (ĠU L 205, 9.6.2004, p. 17).

ANNEX

SKEMA TA' ALLOKAZZJONI TA' KARTI TAL-FLUS MILL-1 TA' JANNAR 2007

Bank Ċentrali Ewropew	8,0000 %
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	3,2705 %
Deutsche Bundesbank	27,1610 %
Bank of Greece	2,4045 %
Banco de España	9,9925 %
Banque de France	19,0430 %
Central Bank and Financial Services Authority of Ireland	1,1760 %
Banca d'Italia	16,5840 %
Banque centrale du Luxembourg	0,2090 %
De Nederlandsche Bank	5,1535 %
Oesterreichische Nationalbank	2,6680 %
Banco de Portugal	2,2680 %
Banka Slovenije	0,4225 %
Suomen Pankki	1,6475 %
Total	100,0000 %